# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 540/97

Alfred Parnis

vs

Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tat-23 ta' Novembru 1999 Maltacom p.l.c.

Illum 14 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987, u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989/1990 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li gie trasferit u ma nghatax promozzjonijiet.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fis-1979 bhala skilled labourer. Peress li r-rikorrent kellu esperjenza ta' ghoxrin sena fit-telekommunikazzjoni ma'

l-army Ingliza u kien ghamel courses barra minn Malta, kien gie stazzjonat fit-Test Room jaghmel xoghol ta’ Technician.

Illi fin-1981, ir-rikorrent gie nkarigat mis-Section u wara interview gie promoss ghal TTII. Illi fin-1986 kienu hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta’ TO I, u li ir-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha mehtiega ghal din il-promozzjoni u fil-fatt gie promoss. Xi xhur wara in-1987, ir-rikorrent gie trasferit ghal B’Kara minghajr ebda raguni, dak iz-zmien hu kien stazzjonat il-Head Office, Blata l-Bajda. Illi fin-1989, kienu hargu applikazzjonijiet ghal grad ta’ TO III, fejn ir-rikorrent kien applika. Illi r-rikorrent resaq ghal interview u meta hargu l-promozzjonijiet kien gie maqbuz minn nies li kienu taht is-supervizzjoni tieghu u ohrajn li kellhom kemm is-seniority kif ukoll kwalifiki anqas mir-rikorrent.

Illi r-rikorrent jinsab konvint li dawn it-trasferimenti saru b’mottiv politiku u b’mod diskriminatorju kontra tieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu x-xhieda indikati f’dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jiehu l-promozzjonijiet b’lura, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat nomine li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 41 marka. Dawn kienu mqasmin hekk : 5 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz, 10 minn 20 marka ta' l-esperjenza, 5 minn 15 -il marka ghal kwalifiki, 15 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika, 3 minn 10 marki ghal taghrif generali u 3 minn 5 marki ghal personalita.

4. Illi dwar l-ilment tieghu li nqabez minn persuna b'inqas kwalifiki u esperjenza, r-rikorrent ghandu jindika ahjar ghal min qed jirreferi biex il-korporazzjoni tkun tista' twiegeb ghal dawn l-allegazzjonijiet.

5. Illi dwar l-allegazzjoni dwar it-transfer fl-1988 ukoll, ir-rikorrent ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Il-korporazzjoni cahdet dawn l-allegazzjonijiet.

6. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili diefensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li kien jaghmel xoghol relatat dirett mat-Telekomunikazzjoni ma' l-Army Ingliza u kien shansitra ghamel course barra minn Malta. Fit-Telemalta kien jahdem fit-Test room u kien jaghmel xoghol ta' Technician. Zied li wara l-elezzjoni generali ta' Mejju 1987 precizament xi xhur wara gie moghti transfer mill-Head Officer Blata l-Bajda, Spencer Hill fejn kellu ufficju ghalih u spicca B'Kara Exchange inkarigat mit-Test Room. Hawnhekk kien hemm tnejn li kienu tahtu u dawn gew wara promossi ghall gradi akbar minnu, xi tnejn jew tlieta fuqu. Infatti meta harget l-applikazzjoni fl-1989 ghall-grad ta' Technical Officer III, u hu applika gie maqbuz u ma nghatax promozzjoni. Dawn it-tnejn li qabzuh kienu Lorry Darmanin, u certu wiehed kunjomu Francica. Sostna li kien senior taghhom u kellu kwalifiki aktar minnhom.

Ftit wara gie trasferit u dan wara l-1989 u fil-perjodu immedjat wara minn B'Kara ghas-Central, Blata l-Bajda, minn Blata l-Bajda ftit wara regghu trasferewh l-Mosta Exchange u mbaghad wkoll wara Haz-Zebbug Exchange u dan f'perjodu ta' xi sitt xhur.

In kontro-ezami r-rikorrent xehed li kellu esperjenza ta' tletin sena u kwalifiki minn barra minn Malta.

Xehed il-Professur Abraham Galea dwar ir-rikorrent li kien pazjent tieghu u semma li fl-24 ta' Gunju 1992 kien jidher tense u mdejjaq hafna ukoll. Zied li r-rikorrent naqqas l-efficjenza minhabba t-transfers. Imbaghad huwa beda jkollu l-problemi anki biex jorqod bil-lejl kif ukoll problemi d-dar. Kien anki ma bediex jiekol, beda jhossu izolat u anki beda jissuspetta f'kullhadd u kull bnieden li jara beda jiffissa li se jaghmillu vendikazzjoni.

Meta kien ghadda bord il-bord iddecieda li huwa kellu jigi boarded out. Attribwixxa d-dipressjoni li kien qed isofri minnha r-rikorrent minhabba t-transfers madwar sitta li kien inghata f'perjodu qasir ta' madwar sitt xhur.

Xehed l-Inginier Anthony Cassar li semma li ghamel xi zmien wara l-1987 li kien l-inginier responsabbli mill-area ta' B'Kara u ghalhekk kien jahdem fuq ir-rikorrent, li meta r-rikorrent Alfred Parnis kellu l-grad ta' TO1. Xehed li r-rikorrent li kien jahdem hafna u li kien kapaci fix-xoghol tieghu. Ftakar ukoll lil certu Lorry Darmanin u certu Francica u li huma kienu hadu l-promozzjoni ghal grad ta' TO3 meta r-rikorrent ma kienx hadha ghalkemm kienu fi grad inqas mir-rikorrent qabel ma hadu l-promozzjoni. Ir-rikorrent kien responsabbli mit-test

room u kull ma kien jinqala r-rikorrent kien jinqeda bih, u dejjem sabu dispost.

David Buttigieg esebixxa r-rapport tal-bord ta' l-ghazla ghall-post ta' Technical Officer III li fih il-kriterji kif ukoll l-marki li gabu l-applikanti. Dwar iz-zewg persuni li semma r-rikorrent fl-affidavit tieghu li huma Francica u Darmanin qal li Francica fil-fatt ma sarx TOIII izda lehaq fil-grad ta' TOII. Fir-rigward ta' Darmanin qal li mir-ricerki li ghamel huwa kien ilu mal-Maltacom u qabel hekk kif kienet il-Post and Telephones mill-1949. Fir-rigward ta' Francica dan kien ilu mill-1955 mal-Posta u Telephones u ghalhekk kien ilu 34 sena. Ikkomparati mar-rikorrent dawn it-tnejn jidhru bhala esperjenza kellhom iktar mir-rikorrent peress li kienu ilhom izjed snin mir-rikorrent. Fil-fatt ir-rikorrent ilu mal-Maltacom mill-1979 u kien ilu xi ghaxar snin precedentament mal-Posta u Telephones mas-servizzi Nglizi. Fir-rigward tal-kwalifiki jirrizulta li r-rikorrent gab puntegg aktar minn Francica u Darmanin.

Esebixxa wkoll dokument li jirrigwarda t-transfer li kien ha r-rikorrent fit-22 ta' Frar 1988. Dan huwa l-uniku transfer dokumentat ufficcjali li jidher fit-tiftix li ghamel.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ghandu zewg aspetti - dak dwar in-nuqqas ta' promozzjoni ghall-grad ta' Technical Officer III, u dak dwar transfers. Pero` ghalkemm ir-rikorrent semma t-transfers fil-kors tar-rikors meta gie ghat-talba finali l-ilment tieghu kien specifikament riferibbli ghall-promozzjoni u b' ebda mod ma semma t-transfers. Ghalhekk it-Tribunal sejjer iqis biss l-aspett tal-promozzjoni.

Dwar l-aspett tan-nuqqas tal-promozzjoni ghall-grad ta' Technical Officer III, fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-6 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Maltacom p.l.c. it-Tribunal qal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki.  Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali.  Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda.  Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview.  Dan ma kienx xi ezami skritt.  Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord.  Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku.  Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'.  Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki.  20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO  II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **<u>15</u>**% |
| Kwalifiki | **<u>25</u>**% |
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |

Personalita` 5%

**Analisi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab

10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; it-Tribunal jinnota li r-rikorrent dahal jahdem fl-1979 u ghalhekk suppost nghata 11-il marka u mhux 5 ghax ghalkemm ma hemmx imnizzel fir-rapport li l-marki nghataw wahda ghal kull sena, meta jqis l-allokazzjoni ta' 30 marka bil-fors li din trid tahdem hekk; il-marka tigi 11%;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 10; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda tal-Inginier Cassar li semma li r-rikorrent jahdem hafna u kapaci fix-xoghol tieghu, li kien responsabbli mit-Test Room u kull ma kien jinqala' kien jinqeda bih. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li r-rikorrent kellu jinghata 18 il-marka; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 14%;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 8%;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 15; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal l-marka ssir 12%;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%;  it-Tribunal ihalli l-istess marka ta' 3%;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; ghalhekk il-marka tibqa' 3%.

Dan igib it-total ghal 51.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' TO III b'effett mill-istess data li nghatat lit-TO III l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.